

32004R0728

20.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 113/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 728/2004
tal-15 ta' April 2004
dwar il-klassifika ta' ċerta merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifika tal-merkanzija msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jstabbilixxi r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli jgħoddu wkoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li tkun totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid magħha xi suddiviżjoni li tiġi stabbilita b'disposizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-għan ta' l-applikazzjoni ta' miżuri tat-tariffa u ta' miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu ma' kummerċ tal-merkanzija.
- (3) Skond dawk ir-regoli ġenerali, il-merkanzija deskritta fil-kolonna 1 tat-tabella li tidher fl-Anness għandha tiġi kklassifikata taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet spjegati fil-kolonna 3.
- (4) Huwa approprijat li jiġi pprovdut li, bla ħsara għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi ta' verifika doppja u ma' sorveljanza Komunitarja retrospettiva ta' prodotti tessili waqt l-importazzjoni fil-Komunità, informazzjoni vinkolanti fuq it-tariffa maħruġa

mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-klassifika tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda u li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata għal perjodu ta' 60 jum mid-detentur, taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ⁽²⁾.

- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-merkanzija deskritta fil-kolonna 1 tat-tabella li tidher fl-Anness għandha tiġi kklassifikata fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2.

Artikolu 2

Bla ħsara għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi ta' verifika doppja u ma' sorveljanza Komunitarja retrospettiva ta' prodotti tessili waqt l-importazzjoni fil-Komunità, informazzjoni vinkolanti fuq it-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-klassifika tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda u li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata għal perjodu ta' 60 jum mid-detentur, taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidher fis-seħħ fl-20 jum li jiġi wara li ssir il-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jgħodd direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 15 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, pġ. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2344/2003 (ĠU L 346, tal-31.12.2003, pġ. 1).

⁽²⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1992, pġ. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

